VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,598, 24 ta' Ġunju, 2016
Taqsima B

A.L. 235 tal-2016

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru għall-Enerġija, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt (Emenda Nru. 3), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 545.20

Jemenda r-regolament 5A tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tieni proviso tas-subregolament (4) tar-regolament 5A tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "għandhom jiġu rimborsati dak l-ammont akbar." għandu jiżdied dan li ġej:

"L-effetti ta' dan il-proviso għandhom japplikaw għal ċilindri li jistgħu jinġarru li jitreġgħu lura għall-finijiet ta' restituzzjoni wara d-29 April 2016, irrispettivament mid-data, qabel jew wara dik id-data, meta ċ-ċilindru li jista' jinġarr kien ġie kkonsenjat lill-klijent aħħari".